Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Marzu 2017
(OR. en)

7704/17

COSI 63
ENFOPOL 152
CRIMORG 69
ENFOCUSTOM 85
GENVAL 29
FRONT 147
JAI 284

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	27 ta' Marzu 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	7093/17
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja għall-perijodu 2018-2021 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (27 ta' Marzu 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja għall-2018-2021, adottati mill-Kunsill fit-3528 laqgħa tiegħu li saret fis-27 ta' Marzu 2017.

ANNESS

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja għall-perijodu 2018-2021

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8-9 ta' Novembru 2010 dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja (Ċiklu ta' Politika tal-UE)[1], li stabbilew Ċiklu ta' Politika tal-UE pluriennali u metodoloġija ċara għall-istabbiliment, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-prijoritajiet fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja,

FILWAQT LI JFAKKAR li Ċiklu ta' Politika tal-UE inizjali u mnaqqas kien implimentat bejn l-2012 u l-2013 abbażi tal-prijoritajiet kriminali tal-UE maqbulin mill-Kunsill fid-9-10 ta' Ġunju 2011[2], segwit minn Ċiklu ta' Politika tal-UE sħiħ bejn l-2014 u l-2017 abbażi tal-prijoritajiet kriminali tal-UE maqbulin mill-Kunsill fis-6-7 ta' Ġunju 2013[3],

FILWAQT LI JINNOTA li f'konformità mal-metodoloġija taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE twettqet evalwazzjoni fil-fond bħala r-raba' u l-aħħar pass taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE li serva bħala kontribut għaċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE li jmiss,

FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-rapport finali tal-istudju ta' evalwazzjoni, imħejji minn evalwatur estern indipendenti f'kooperazzjoni mill-qrib mal-grupp ta' esperti tal-monitoraġġ, li ġie ppreżentat mill-Kummissjoni lill-Kunsill fl-1 ta' Frar 2017 f'konformità mal-azzjoni 44 taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE. Dan ir-rapport ikopri l-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE sħiħ bejn Ġunju 2013 u Lulju 2016 u jinkludi għadd ta' rakkomandazzjonijiet u azzjonijiet rakkomandati biex iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE jsir aktar effettiv, effiċjenti u sempliċi, u biex ikun hemm bilanċ bejn il-piż fuq kategoriji differenti ta' partijiet ikkonċernati,

---

1 15358/10
2 11050/11
3 12095/13

FILWAQT LI JAGĦRAF li ċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE kiseb l-objettivi tiegħu fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, ġab valur miżjud tal-UE lill-Istati Membri u pprovdielhom strutturi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni tagħhom u ta kontribut biex tinħoloq fiduċja fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti,

KONXJU tal-ħtieġa li jkompli jiżviluppa l-proċess taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, li jibni fuq ir-riżultati tal-evalwazzjoni u l-esperjenzi miksuba mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, bil-ħsieb li dan isir aktar effiċjenti,

FILWAQT LI JFAKKAR li wieħed mill-elementi importanti fl-effiċjenza taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE huwa l-impenn tal-atturi kollha involuti u tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji biex jiżguraw l-implimentazzjoni operazzjonali reali li teħtieġ riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti, l-għarfien kif ukoll ir-rikonoxximent. Ir-rwol ta' Muturi, Komuturi u Mexxejja tal-Azzjoni huwa ta' importanza kbira u jirrikjedi setgħa adegwata, kif ukoll appoġġ suffiċjenti mit-Tim ta' Appoġġ EMPACT tal-Europol,

FILWAQT LI JAPPELLA lill-Istati Membri biex jottimizzaw l-użu tal-fondi disponibbli, u lill-atturi kollha involuti biex jiżguraw li l-finanzjament ikun disponibbli fil-ħin biex l-azzjonijiet operazzjonali jkunu jistgħu jibdew fi stadju bikri,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-approċċ multidixxiplinari u bejn diversi aġenziji taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, li jinvolvi l-awtoritajiet rilevanti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, l-awtoritajiet ġudizzjarji, u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE. Kooperazzjoni tajba bejn il-pulizija, il-gwardji tal-fruntiera, id-dwana, l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi, kif ukoll l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE hija kruċjali. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lis-sħab li mhumiex tal-infurzar tal-liġi, inkluż awtoritajiet pubbliċi oħra u s-settur privat,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza tal-koordinazzjoni nazzjonali effettiva bejn l-awtoritajiet rilevanti u jissottolinja r-rwol importanti tal-Koordinatur Nazzjonali tal-EMPACT (NEC) fl-iżgurar ta' involviment bejn diversi aġenziji u multidixxiplinari,

FILWAQT LI JINNOTA l-ħtieġa possibbli li jiżdied l-għarfien taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE fost il-prattikanti tal-infurzar tal-liġi u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fil-livell nazzjonali. Dan ukoll jikkontribwixxi għal integrazzjoni aħjar tal-azzjonijiet taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE mal-ippjanar nazzjonali,

KONXJU tal-ħtieġa li tissaħħaħ l-identità taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE u li jiġi enfasizzat il-kontribut taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja,

FILWAQT LI JENFASIZZA d-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna u l-importanza tal-iżvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u Organizzazzjonijiet Internazzjonali u s-sħab rilevanti , filwaqt li jitqiesu l-azzjonijiet esterni tal-UE, fl-implimentazzjoni operazzjonali taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE,

FILWAQT LI JINNOTA n-natura trasversali li qed tiżdied tal-kriminalità u l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn prijoritajiet differenti,

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li għandu jintlaħaq bilanċ bejn il-prevenzjoni u l-indirizzar tal-konsegwenzi tat-theddid għas-sigurtà interna tal-UE ppreżentat mill-kriminalità internazzjonali organizzata u serja,

FILWAQT LI JINNOTA li l-piż amministrattiv għandu jitnaqqas, speċjalment għall-Muturi, il-Komuturi u l-Mexxejja tal-Azzjoni, b'mod partikolari billi jiġu ssimplifikati u jitnaqqsu l-proċeduri ta' rappurtar differenti f'livelli differenti,

KONXJU tal-ħtieġa li jiġi ssimplifikat il-proċess ta' monitoraġġ u evalwazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE u li tittejjeb il-kwalità tar-rappurtar lill-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna. Għal dan l-għan, il-ġbir ta' tagħrif rilevanti u strutturat, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni speċifiċi, li jistgħu jitkejlu u jinkisbu, realistiċi u marbutin mal-ħin (SMART), ser jissimplifika u jsaħħaħ ir-rwol tal-COSI biex imexxi l-proċess u jagħti direzzjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet u l-azzjonijiet strateġiċi,

JAQBEL LI

1. jimplimenta Ċiklu ta' Politika tal-UE ta' 4 snin 2018 – 2021, li ser jikkonsisti mill-erba' passi li kienu diġà ġew maqbula għaċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE preċedenti, partikolarment;

   i) L-iżvilupp tal-politika abbażi ta' Valutazzjoni mill-Unjoni Ewropea tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (EU SOCTA) li trid tipprovdi stampa sħiħa u kompluta tat-theddidiet kriminali li għandhom impatt fuq l-Unjoni Ewropea. Minħabba n-natura tal-kriminalità, li qed tevolvi b'mod rapidu, matul l-2019 il-Europol, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE, għandha tħejji rieżami ta' nofs it-terminu tat-theddid il-ġdid, li qed jinbidel jew li hu emerġenti, b'attenzjoni partikolari għall-prijoritajiet kriminali tal-UE li ġew deċiżi fl-2017, permezz tal-produzzjoni ta' rapport interim lill-Kunsill.

   ii) L-istabbiliment tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet permezz tal-identifikazzjoni mill-Kunsill ta' għadd limitat ta' prijoritajiet. Għal kull waħda mill-prijoritajiet jeħtieġ li jiġi żviluppat Pjan Strateġiku Pluriennali (MASP) sabiex jinkiseb approċċ multidixxiplinari, integrat u integrali (li jkopri miżuri preventivi kif ukoll repressivi) biex it-theddidiet prijoritizzati jiġu indirizzati b'mod effettiv.

   iii) L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali (OAP) annwali li jeħtieġ li jiġu allinjati mal-miri strateġiċi li ġew iddeterminati fil-MASP, biex jiġu indirizzati t-theddidiet prijoritizzati. Barra minn hekk, il-COSI ser iwettaq kemm valutazzjoni ta' nofs it-terminu kif ukoll valutazzjoni finali tar-riżultati tal-azzjonijiet biex jitkejjel l-ilħuq tal-għanijiet strateġiċi. L-OAPs jistgħu jinkludu azzjonijiet li, fejn ikun meħtieġ u ġustifikat, idumu aktar minn sena.

   iv) Fi tmiem iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE ser titwettaq evalwazzjoni indipendenti u din ser isservi bħala kontribut għaċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE li jmiss.

JAGĦTI STRUZZJONIJIET LILL-COSI BIEX

2. Iħejji, abbażi tad-Dokument Konsultattiv dwar il-Politika (PAD) abbozzat mill-Presidenza u l-Kummissjoni bbażat fuq l-EU SOCTA 2017 u waqt li jikkunsidra dokumenti u valutazzjonijiet u politiki strateġiċi oħra, abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet kriminali tal-UE.

3. Jadotta l-Pjanijiet Strateġiċi Pluriennali (MASPs) u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali (OAPs) u jikkoordina u jissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-implimentazzjoni operazzjonali u lill-approċċ multidixxiplinari, integrat u integrali għall-kriminalità.

4. Jemenda d-dokumenti rilevanti taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, fejn xieraq imħejjija minn atturi rilevanti, b'mod partikolari t-Termini ta' Referenza taċ-Ċiklu ta' Politika, il-mudelli tal-MASP u tal-OAPs għaċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, il-mekkaniżmu ta' rappurtar u l-lista ta' atturi rilevanti sabiex il-proċess jiġi ssimplifikat.

5. Jivverifika li jiġi pprovdut finanzjament adegwat biex jappoġġa b'mod effettiv l-azzjonijiet maqbula fi ħdan iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE.

6. Jesplora miżuri biex tissaħħaħ l-identità taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE u biex jitrawwem l-involviment attiv tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

7. Jipprovdi, abbażi tad-definizzjoni tal-JAD (Jum ta' Azzjoni Konġunta), gwida strateġika għall-ippjanar tal-Jiem ta' Azzjoni Konġunta li jitwettqu fil-qafas taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE u monitoraġġ tar-riżultati.

8. Iwettaq kemm valutazzjoni ta' nofs it-terminu kif ukoll valutazzjoni finali tar-riżultati tal-azzjonijiet biex jitkejjel l-ilħuq tal-għanijiet strateġiċi bil-ħsieb li tittejjeb l-implimentazzjoni operazzjonali.

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI BIEX

9. Flimkien mal-esperti tal-aġenziji u l-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE jiżviluppaw MASP u OAP għal kull prijorità kriminali, filwaqt li jiddefinixxu l-aktar strateġija adatta biex tiġi indirizzata l-problema.

10. Jintegraw l-azzjonijiet rilevanti żviluppati fi ħdan iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE fl-ippjanar nazzjonali tagħhom u jallokaw riżorsi għall-appoġġ ta' approċċ komuni tal-UE.

11. Jappoġġaw b'mod attiv il-fażijiet kollha li jikkostitwixxu ċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, b'mod partikolari billi jassumu r-rwol ta' Mutur, Komutur jew Mexxej tal-Azzjoni biex jippermettu lil dawn l-esperti u Koordinaturi Nazzjonali tal-EMPACT iwettqu l-kompiti tagħhom.

12. Jikkontribwixxu biex ikun hemm għarfien dwar iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, speċjalment fil-livell nazzjonali u biex b'mod attiv jimpenjaw ruħhom fl-implimentazzjoni tal-OAPs.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI BIEX

13. Tappoġġa lill-Istati Membri flimkien mal-esperti tal-aġenziji u l-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE biex jiżviluppaw MASP u OAP għal kull prijorità kriminali, filwaqt li tiddefinixxi l-aktar strateġija adatta biex tiġi indirizzata l-problema.

14. Filwaqt li tqis l-esperjenza preċedenti u f'konsultazzjoni mal-aġenziji tal-Istati Membri u tal-UE fil-COSI, tiżviluppa mekkaniżmu indipendenti li jevalwa l-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE u tibgħat ir-riżultati tiegħu lill-Kunsill.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI U S-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA BIEX

15. Jippromovu l-għarfien taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE fi djalogi ta' sigurtà tal-UE ma' pajjiżi terzi.

16. Jiffaċilitaw, anki permezz tad-delegazzjonijiet tal-UE, l-Esperti dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu/is-Sigurtà tal-UE u l-Uffiċjali ta' Kollegament Ewropew għall-Migrazzjoni, il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fl-implimentazzjoni operazzjonali taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, fejn xieraq skont it-theddid u l-ħtieġa identifikati.

JAPPELLA LILL-AĠENZIJI TAL-UE BIEX

17. Jappoġġaw lill-esperti tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-UE biex jiżviluppaw l-MASPs u l-OAPs dwar il-prijoritajiet li jikkorrispondu mal-mandat tagħhom.

18. Taħt it-tmexxija tal-Europol jipprovdu appoġġ metodoloġiku, analitiku u amministrattiv għall-abbozzar tal-MASPs u l-OAPs (l-Għanijiet SMART u KPIs).

19. Jieħdu l-impenn fil-programmi ta' ħidma annwali tagħhom biex jimplimentaw l-azzjonijiet żviluppati fi ħdan iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE.

20. Fl-2019 jiżviluppaw, taħt it-tmexxija tal-Europol f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, rapport interim tat-theddid il-ġdid, li qed jinbidel jew li hu emerġenti, b'attenzjoni partikolari għall-prijoritajiet kriminali tal-UE li ġew deċiżi fl-2017, u l-EU SOCTA fl-2021, abbażi tar-rekwiżiti approvati mill-COSI u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti rilevanti.

21. Taħt it-tmexxija tal-Europol, flimkien mal-Kummissjoni, is-SEAE u atturi rilevanti oħrajn, iħejju pakkett ta' tagħrif dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament, aġġornat meta meħtieġ, li jiċċara l-mekkaniżmi ta' finanzjament attwali u jenfasizza l-opportunitajiet alternattivi sabiex jiġu appoġġati b'mod effettiv l-attivitajiet maqbula fi ħdan iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE u tiġi żgurata kemm jista' jkun flessibbiltà fil-limiti tar-regoli finanzjarji.

22. Jipprovdu pakketti ta' taħriġ u jesploraw miżuri oħrajn ta' sensibilizzazzjoni.

23. Jikkontribwixxu għall-iskambju tal-aħjar prattiki u l-kondiviżjoni ta' esperjenzi.

ANNESS 1

Skeda ta' żmien għaċ-

Ċiklu ta' Politika tal-UE 2018 – 2021

Kummenti preliminari

1. EU SOCTA 2017 / Rapport interim 2019 / EU SOCTA 2021

- Iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE 2018-2021 beda abbażi tal-EU SOCTA 2017 (il-punti 2, 3 ta' hawn taħt).

- Rapport interim dwar theddid ġdid, li qed jinbidel jew li hu emerġenti, b'attenzjoni partikolari għall-prijoritajiet kriminali tal-UE li ġew deċiżi fl-2017, ser jiġi ppreżentat fl-2019 (punti 20, 22).

- L-EU SOCTA 2021 tkun il-bażi għall-bidu taċ-Ċiklu ta' wara ta' Politika tal-UE 2022-2025. It-tabella tipprevedi dan il-proċess (punti 21, 23, 26, 27, 32).

2. BIDLIET RILEVANTI FIT-TABELLA META MQABBEL MAĊ-ĊIKLU TA' POLITIKA TAL-UE PREĊEDENTI

- L-elaborazzjoni tal-għanijiet strateġiċi orizzontali minimi komuni għall-prijoritajiet kriminali kollha (punti 7 u 11).

- L-OAPs jistgħu jinkludu azzjonijiet li jdumu aktar minn sena (punt 13).

- Valutazzjoni ġdida tar-riżultati tal-azzjonijiet biex jitkejjel l-ilħuq tal-għanijiet strateġiċi ser tiġi integrata fil-mekkaniżmu tal-ġbir ta' rappurtar u titwettaq mill-COSI wara sentejn ta' implimentazzjoni tal-OAPs u sa mhux aktar tard minn Ġunju 2022 (punti 15, 29 u 33).

- Indikatur wieħed (jew possibbilment aktar) tal-impatt jista' jiġi identifikat biex jipprovdi kejl kwantitattiv tal-kontribut taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u serja (punti 15 u 16).

- Ser jitħejja "Pakkett ta' informazzjoni dwar opportunitajiet ta' finanzjament" (punt 17).

- Ir-rappurtar mill-Muturi u l-Mexxejja tal-Azzjoni ser ikollu skeda ta' żmien u metodoloġija differenti (punti 15 u 18).

- Minbarra l-EU SOCTA 2021, il-kontinwità għaċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE 2022-2025 li jkun imiss huwa previst fit-tabella (punt 31).

Nru ta' ref.	Azzjoni/attività	Attur responsabbli / prinċipali	Atturi oħra involuti	Skeda ta' żmien
1.	Jiġi ppubblikat ir-Rapport ta' Evalwazzjoni Indipendenti Finali dwar iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE 2013-2017	COM	COSI Grupp ta' Monitoraġġ	1 ta' Frar 2017
2.	Produzzjoni tal-EU SOCTA 2017	Europol	L-atturi rilevanti kollha	Marzu 2017
3.	Produzzjoni ta' sommarju eżekuttiv tal-EU SOCTA 2017, inklużi konklużjonijiet u lista ta' prijoritajiet kriminali rakkomandati	Europol		9 ta' Marzu 2017
4.	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE 2018-2021	COSI Kunsill		27-28 ta' Marzu 2017
5.	Dokument Konsultattiv dwar il-Politika (PAD) Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet kriminali tal-UE għaċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE 2018-2021	COSI/COM COSI		April/Mejju 2017
6.	Tħejjija tas-sessjonijiet ta' ħidma tal-MASP, inkluż l-identifikazzjoni tal-atturi rilevanti fil-livell tal-UE u f'dak tal-Istati Membri biex jiġu abbozzati Pjanijiet Strateġiċi Pluriennali (MASPs) għal kull qasam ta' prijorità kriminali	COSI COM	Aġenziji tal-UE SM	April / Mejju 2017
7.	L-iżvilupp ta' mudelli (MASPs, OAPs) u l-iżvilupp ta' linja gwida dwar it-tfassil ta' indikaturi ewlenin INTELLIĠENTI tal-prestazzjoni biex jitkejlu l-progress u r-riżultati tal-azzjonijiet operazzjonali, li għandu jintlaħaq qbil dwarhom mill-COSI.	Europol COM COSI	Aġenziji oħra tal-UE	Qabel Ġunju 2017
8.	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet kriminali tal-UE għaċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE 2018-2021	Kunsill		8-9 ta' Ġunju 2017
9.	L-iżvilupp u t-twettiq ta' pakkett ta' taħriġ/għarfien dwar il-qafas (rieżaminat) taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE (Termini ta' referenza; mudelli, KPIs,)	CEPOL	SM Aġenziji tal-UE	2017-2021 Sessjoni ta' ħidma għall-Muturi/Komuturi fis-6 u s-7 ta' Settembru 2017
10.	It-Termini ta' Referenza taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għandu jintlaħaq qbil dwarhom mill-COSI	Europol COSI COM		Sa Ġunju 2017

Nru ta' ref.	Azzjoni/attività	Attur responsabbli / prinċipali	Atturi oħra involuti	Skeda ta' żmien
11.	Sessjonijiet ta' ħidma biex jiġu abbozzati MASPs li jindirizzaw il-prijoritajiet kriminali, inkluż l-identifikazzjoni ta' miri strateġiċi orizzontali minimi komuni minn qabel sabiex tissaħħaħ il-konsistenza u jiġi ffaċilitat l-abbozzar tal-MASPs.	Gruppi ta' esperti tal-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE, ikkoordinati mill-COM		Ġunju – Lulju 2017 u/jew Settembru/Ottubru 2017
12.	Diskussjoni u adozzjoni tal-MASPs, inkluż l-assenjazzjoni ta' kompiti lill-SM u l-aġenziji tal-UE rilevanti	COSI	SM COM Aġenziji tal-UE	It-tieni semestru 2017
13.	Sessjonijiet ta' ħidma għall-konverżjoni tal-MASPs f'OAPs annwali u li jispeċifikaw liema azzjonijiet idumu iktar minn sena	SM u aġenziji tal-UE, ikkoordinati mill-Muturi		Settembru/Ottubru 2017 (b'ripetizzjoni annwali f'Settembru u Ottubru)
14.	Validazzjoni ta' kull OAP	COSI	SM Aġenziji tal-UE NECs	Tmiem l-2017 (b'ripetizzjoni annwali)
15.	Elaborazzjoni ta' mekkaniżmu ta' ġbir ta' rappurtar li jiġi vvalidat mill-COSI. Dan il-mekkaniżmu, li jkun jinkludi l-mudell il-ġdid għar-rapport tal-Mexxej tal-Azzjoni, għandu jintegra wkoll valutazzjoni tar-riżultati tal-azzjonijiet biex jitkejjel l-ilħuq tal-għanijiet strateġiċi. Il-mekkaniżmu ta' rappurtar jista' jqis l-indikatur(i) tal-impatt.	COM COSI	SM Aġenziji tal-UE	It-tieni nofs tal-2017
16.	Titqies l-identifikazzjoni ta' indikatur wieħed (jew possibbilment aktar) tal-impatt. Dan/dawn l-indikaturi tal-impatt ser jipprevedu kejl kwantitattiv tal-kontribut taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u serja	COSI	COM Europol CEPOL NECs	Tmiem l-2017
17.	Tħejjija u preżentazzjoni fil-COSI ta' "Pakkett ta' informazzjoni dwar opportunitajiet ta' finanzjament"	Europol COM	COSI CEPOL Aġenziji tal-UE SEAE	Ħarifa 2017, aġġornat meta meħtieġ

Nru ta' ref.	Azzjoni/attività	Attur responsabbli / prinċipali	Atturi oħra involuti	Skeda ta' żmien
18.	L-implimentazzjoni tal-OAPs inkluż monitoraġġ ta' 6 xhur tal-progress mill-COSI (rappurtar eħfef mill-muturi f'Settembru u wieħed komprensiv f'Marzu tas-sena ta' wara)	Muturi tal-Istati Membri NECs Aġenziji tal-UE	COSI	Bidu f'Jannar 2018 – sa Marzu 2022
19.	Faċilitazzjoni tal-finanzjament tal-implimentazzjoni tal-MASPs u l-OAPs	Europol COM Aġenziji tal-UE	SEAE	2018 - 2021
20.	Validazzjoni tar-rekwiżiti għat-tħejjija tar-rapport interim dwar it-theddid ġdid, li qed jinbidel jew li hu emerġenti	COSI	Europol	Qabel Lulju 2018
21.	Tħejjija tar-rekwiżiti tal-konsumatur għall-EU SOCTA 2021	Europol	COM SM Europol u aġenziji oħra tal-UE	Bidu tal-2019
22.	Produzzjoni tar-rapport interim dwar it-theddid ġdid, li qed jinbidel jew li hu emerġenti Preżentazzjoni fil-COSI	Europol COSI	L-atturi rilevanti kollha	Qabel Lulju 2019
23.	Validazzjoni tar-rekwiżiti tal-konsumatur għall-EU SOCTA 2021	COSI		Qabel Lulju 2019
24.	Rieżami, jekk meħtieġ, tal-MASPs u, jekk ikun meħtieġ, l-emendar tal-prijoritajiet kriminali tal-UE	COSI		2019.
25.	Tħejjija tal-evalwazzjoni indipendenti	COM SM	Aġenziji tal-UE COSI	2019.
26.	Żvilupp tal-metodoloġija l-ġdida għall-EU SOCTA 2021 f'konformità mar-rekwiżiti tal-konsumatur identifikati	Europol	Grupp ta' esperti tal-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE	It-tieni semestru 2019
27.	Validazzjoni formali tal-metodoloġija tal-EU SOCTA 2021	COSI		Qabel tmiem l-2019
28.	Bidu ta' evalwazzjoni indipendenti	COM	SM Aġenziji tal-UE COSI	Bidu tal-2020

Nru ta' ref.	Azzjoni/attività	Attur responsabbli / prinċipali	Atturi oħra involuti	Skeda ta' żmien
29.	Produzzjoni tal-valutazzjoni tar-riżultati tal-azzjonijiet biex jitkejlu l-għanijiet strateġiċi	COSI	COM Europol Muturi NECs	Sa Ġunju 2020
30.	Rappurtar dwar l-eżitu tal-evalwazzjoni indipendenti lill-COSI u l-evalwazzjoni ta' lezzjonijiet meħuda miċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE sabiex dawn jiġu integrati fiċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE ta' wara	COM COSI	SM Aġenziji tal-UE	Diċembru 2020 / Jannar 2021
31.	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE 2022-2025	Kunsill	COSI	Marzu 2021
32.	Produzzjoni tal-EU SOCTA 2021, inkluż konklużjonijiet u lista ta' prijoritajiet kriminali rakkomandati	Europol		Marzu 2021
33.	Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-għanijiet strateġiċi	COSI	Atturi rilevanti oħrajn	Sa Ġunju 2022

POLICY CYCLE 2018-2021

